# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 28 ta' April, 2021.**

**Numru 13**

**Rikors numru 952/2013/1 SM**

**Panta Marketing and Services Limited (C 11233)**

**v.**

**Direttur Generali (Dwana)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors promotur tas-socjeta` rikorrenti Panta Marketing and Services Limited tal-4 ta' Ottubru, 2013, li permezz tieghu nghad:

"**1. INTRODUZZJONI**

"1.1. Din hija talba lil din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 72 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta wara li sar avviz bil-miktub lid-Direttur Generali (Dwana) (id-"**DĠD**") datat 5 ta' Settembru 2013 ai termini tal-istess artikolu 72 tal-Kap. 37. Permezz tal-istess avviz is-socjeta` rikorrenti talbet, *inter alia*, lura l-oggetti maqbuda

permezz ta' nota ta' qbid bir-riferenza 56/2013 moghtija lis-socjeta` rikorrenti fit-23 ta' Awissu 2013.

"1.2 Dan ir-rikors qed jigi ntavolat sabiex din l-Onorabbli Qorti tirrevoka l-qbid li sar mid-DĠD biex jirrifondi lis-socjeta rikorrenti u jrodd lura u jirrilaxxa l-oggetti hekk maqbuda permezz tal-istess nota ta' qbid u/jew jirritorna u jirrilaxxa favur is-socjeta` rikorrenti l-garanzija li tista' tinghata minnha stess sabiex l-istess oggetti jigu rilaxxati, u dan kif sejjer jigi spjegat u fid-dawl tas-sekwenza tal-fatti u l-konsiderazzjonijiet li sejra taghmel is-socjeta` rikorrenti f'dan ir-rikors.

"**2. IL-FATTI**

"2.1 Is-socjeta` rikorrenti hija nvoluta fin-negozju ta' *inter alia*, apparat elettroniku u elettriku, u fil-31 ta' Mejju 2013 ordnat konsenja ta' numru ta' *solar panels* minn kumpanija estera Linuo Power UK Limited (kopja tal-fattura annessa u mmarkata bhala "Dok. A").

"2.2 Qabel ma gew ordnati is-*solar panels*, George Bugeja, rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti, ccara it-termini u l-kondizzjonijiet tal-istess konsenja, specifikatament il-fatt illi kwalunkwe ammont ta' dazju li kellu jithallas fuq dawn is-*solar panels* fuq livell komunitarju kien ser ikun diga mhallas u b'hekk l-unici spejjez illi s-socjeta` rikorrenti kienet ser thallas fuq l-istess konsenja kienu ser jinvolvu l-ispejjez tal-garr tal-merkanzija u l-ispejjez tal-port fuq bazi lokali. Dan gie kkonfermat permezz ta' *email* mibghuta minn rapprezentant tas-socjeta` Linuo Power UK Limited lis-socjeta` rikorrenti fid-29 ta' Mejju 2013 (kopja tal-*email* annessa u mmarkata bhala "Dok. B"), li kienet tinkludi ukoll korrispondenza bejn s-socjeta` Linuo Power UK Limited u socjeta` mill-Istati Uniti li kienet qieghda tissupplixxi din il-konsenja, fejn din ta' l-ahhar ikkonfermat il-fatt illi l-konsenja kienet ser tinbiegh lis-socjeta` rikorrenti bhala "customs cleared" fuq livell komunitarju u ser ikollha d-dokumenti kollha li huma mehtiega mil-lat ta' dwana.

"2.3 Mal-wasla tal-konsenja f'Malta, saret spezzjoni mill-ufficjali tad-Dwana fit-24 ta' Lulju fejn gie stability illi s-solar panels kienu ta' origini Ciniza u b'hekk kienu soggetti ghal dazju kontra *dumping*, li f'dan il-kaz kien jammonta ghal €8,693, li flimkien ma Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess ammont, kien jammonta ghal ammont totali ta' €10,258.

"2.4 Dan kien segwit minn *email* mibghuta fit-25 ta' Lulju 2013 minn Francis Tartaglia, ufficjali fi hdan id-Dipartiment tad-Dwana lil Saviour Brincat, rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti fejn gie sostnut illi kienet saret vjolazzjoni serja tal-Ordinanza ghaliex permezz tal-ispezzjoni tad-Dipartiment tad-Dwana gie kkonfermat illi l-pajjiz ta' origini kien ic-Cina u mhux l-Istati Uniti kif kien

iddikjarat mis-socjeta` rikorrenti. Dan irrizulta fl-imposizzjoni ta' dazju kontra *dumping*. (Kopja tal-*email* annessa u mmarkata bhala "Dok. C").

"2.5 Fil-frattemp, Tony Archibald, rapprezentant tas-socjeta` Linuo UK Power Limited, bghat email lil George Bugeja (rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti) datata 26 ta' Lulju 2013 li permezz taghhha rega kkonferma ghal darba ohra li l-konsenja tas-*solar panels* in kwistjoni ma kienux soggetti ghal dazju kontra d-duty stante illi kienu klassifikati bhala "*European Customs cleared*". (Kopja tal-*email* anness u mmarkata bhala "Dok. D").

"2.6 B'risposta ghall-*email* surriferita fil-paragrafu 2.4 ta' dan ir-rikors, Saviour Brincat, f'isem is-socjeta` rikorrenti, bghat ittra lil Francis Tartaglia fit-26 ta' Lulju 2013 (kopja tal-ittra annessa u mmarkata bhala "Dok. E"), fejn *inter alia*, spjega s-sekwenza tal-fatti marbuta ma' dan il-kaz, u kkonferma li l-arrangament ma' Linuo Power UK Limited kien li l-konsenja kellha tintbaghat Malta fuq il-kondizzjoni cara u mhux kkontestata li l-oggetti huma "*Euro Zone customs cleared*" u dan gie kkonfermat ukoll permezz tal-korrispondenza ma' Linuo UK Power Limited li hija surriferita f'paragrafu 2.2 ta' dan ir-rikors u li kienet annessa mal-istess ittra mibghuta lil Francis Tartaglia. L-istess ittra kompliet tenfasizza illi l-ebda document marbut ma' l-ordni ta' din il-konsenja ma kien jindika illi l-oggetti kienu fil-fatt joriginaw fic-Cina, u b'hekk id-dipartiment rilevanti tas-socjeta` rikorrenti ma kienx konxju mill-fatt li dawn il-prodotti kienu manufatturati fic-Cina, liema dipartiment zbalja meta assuma li l-prodotti kienu manufatturati l-Amerka ghaliex kienu mibghuta minn hemm. Id-dikjarazzjoni saret bi zball genwin u ma kinitx intiza li tqarraq bid-Dipartiment sabiex tevadi l-pagament tad-dazju kontra *dumping*.

"2.7 Is-socjeta` rikorrenti kkonfermat mill-gdid dawn il-fatti permezz ta' ittra ohra li ntbaghtet minn Martin Vella f'isem is-socjeta` rikorrenti lil Paul Bonello mid-Dipartiment tad-Dwana (kopja tal-ittra annessa u mmarkata bhala "Dok. F"), fejn anke permezz ta' korrispondenza bejn is-socjeta` rikorrenti u Linuo Power UK Limited, inkluz email mibghuta minn Tony Archibald (surriferita f'paragrafu 2.5 ta' dan ir-rikors) li giet annessa mal-istess ittra, gie enfassizzat li l-ftehim ma Linuo Power UK Limited kien fuq il-kondizzjoni cara u mhux kkontestata li l-oggetti huma "*Euro Zone customs cleared*" u li ma kienx hemm dazju kontra dumping x'jithallas mis-socjeta` rikorrenti. Fl-istess ittra s-socjeta` rikorrenti talbet laqghha bejn Albert Attard, Managing Director tas-socjeta` rikorrenti, u Paul Bonello bl-ghan li s-socjeta` rikorrenti tispjega ahjar il-posizzjoni taghha.

"2.8 Fit-12 ta' Awissu 2013, saret laqghat fid-Dipartiment tad-Dwana fejn Albert Attard, Michael D'amato u Martin Vella ltaqaw ma' Paul Bonelo, Joe Brincat (id-DĠD) u ufficjali ohra tad-Dipartiment tad-

Dwana. Is-socjeta` rikorrenti sostniet il-posizzjoni taghha illi kienet spiccat f'sitwazzjoni bhal din rizultat ta' numru ta' cirkustanzi genwini u straordinarji. Fl-istess laqgha id-DĠD fehem il-posizzjoni tas-socjeta` rikorrenti u ma esprima l-ebda dubbju dwar il-fatti. Pero` spicca biex qal li kien ser jiddiskuti l-kaz mal-konsulenti legali tieghu u kellu jzomm lis-socjeta` rikorrenti aggornata bl-ezitu ta' xi zviluppi li jista' jkun hemm. B'mod partikolari accetta, bhala fatt, li s-socjeta` rikorrenti kienet ghamlet zball genwin. Wara l-istess laqgha, Martin Vella bghat *email* lil Paul Bonello fejn irringrazzjah tal-laqghha u kkonferma li s-socjeta` kellha l-intenzjoni li thallas l-ammont dovut bhala dazju kontra *dumping* fuq is-*solar panels* in kwistjoni.

"2.9 Fit-22 ta' Awissu 2013, is-socjeta` rikorrenti rciviet *email* minghand Paul Bonello li permezz taghha s-socjeta` rikorrenti giet infurmata illi kienet ser tircievi nota ta' qbid fir-rigward tas-*solar panels* in kwistjoni.

"2.10 Permezz ta' nota ta' qbid bir-riferenza 56/2013 moghtija mid-DĠD fit-23 ta' Awissu 2013 (in-"**Nota ta' Qbid**") (kopja annessa u mmarkata bhala "Dok. G"), id-DĠD informa lis-socjeta` rikorrenti li kien qieghed isir il-qbid tas-solar panels li l-valur taghhom minghajr dazju kien jammonta ghal €73,673.60. Permezz tal-istess Nota ta' Qbid id-DĠD informa lis-socjeta` rikorrenti illi r-raguni ghalfejn kien qieghed isir l-istess qbid kienet li l-oggetti maqbuda kienu soggetti ghall-ammont iehor ta' dazju u li skont l-istess Nota ta' Qbid kien sar ksur tal-Artikolu 18 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta) (l-"**Ordinanza**").

"2.11 Is-socjeta` rikorrenti kkomunikat mad-DĠD sabiex tigi ggwidata f'dan ir-rigward. Id-DĠD ikkonferma illi s-socjeta` rikorrenti kellha terminu ta' 30 gurnata sabiex tikteb lura lid-Dipartiment tad-Dwana sabiex tispjega l-posizzjoni taghha. Id-DĠD ikkonferma ukoll li s-socjeta` kellha ghazla: (i) li tiftah azzjoni fil-Qorti Civili; jew (ii) li jsir ftehim ta' "*out of-court settlement*" sabiex jigu rilaxxati l-oggetti maqbuda. Madankollu, jekk is-socjeta` rikorrenti taghzel li tiftah azzjoni fil-Qorti, l-oggetti maqbuda jigu rilaxxati biss jekk id-dazju kontra *dumping* jigi mhallas lid-DĠD, flimkien ammont ekwivalenti ghall-valur totali tal-ogetti maqbuda skont il-fattura relattiva.

"2.12 Is-socjeta` rikorrenti, permezz ta' avviz bil-miktub ai termini tal-artikolu 72(2) tal-Kap. 37 mibghut minn Dr. Henri Mizzi lil-DĠD u datat 5 ta' Settembru 2013 (kopja annessa u mmarkata bhala "Dok. H") (l-"**Avviz**"), ressqet l-argumenti legali taghha, fejn *inter alia*, kienet tal-fehma li l-Artikolu 18 tal-Ordinanza, li fuq il-bazi tieghu giet moghtija n-Nota ta' Qbid, ma kienx applikabbli fic-cirkustanzi tal-kaz in kwistjoni.

"2.13 Fl-Avviz, b'riferenza ghar-raguni citata fin-Nota ta' Qbid mid-DĠD, fejn allegatament l-oggetti maqbuda taht l-Artikolu 18 tal-Ordinanza kienu soggetti ghall-amont iehor ta' dazju, is-socjeta` rikorrenti ressqet zewg argumenti principali. Fl-ewwel argument taghha, is-socjeta` enfasizzat il-fatt illi skont l-istess Artikolu 18, ikun ikkunsidrat bhala reat esklussivament fic-cirkostanzi segwenti:

> "**18**. Kull min jimporta jew igieghel li jigi importat ghalih, koll b'oggetti li ma jaqblux mad-dikjarazzjoni taghhom, **jew, direttament jew indirettament, jimporta jew igieghel li jigi importat ghalih jew jiddikjara jew igieghel li jigi ddikjarat koll bhala li fih oggetti ta' isem, li mbaghad jinsab, qabel jew wara l-kunsinna taghhom,** li fih oggetti ohra, **jew oggetti suggetti** ghal rata akbar **jew ghal ammont iehor ta' dazju divers minn dak li ghandu jithallas fuq l-oggetti ta' isem li bih dak il-koll jew l-oggetti ta' gewwa fih ikunu gew iddikjarati**, din il-persuna tehel ……",
> (l-enfasi mizjuda sabiex jigu enfasizzati l-partijiet rilevanti ta' dan l-artikolu)

"B'hekk, is-socjeta` rikorrenti enfasizzat illi skont l-istess Artikolu 18, ikun ikkunsidrat bhala reat jekk jigu importati oggetti li jkunu soggetti ghall-ammont akbar jew ammont iehor ta' dazju divers minn dak assocjat ma oggetti ta' dak l-isem. Kif sejjer jigi spjegat iktar fid-dettal f'dan ir-rikors, dan ma kienx il-kaz f'din is-sitwazzjoni partikolari ghaliex ma kien hemm xejn zbaljat jew inkorrett fl-isem tal-oggetti. Fil-kaz in kwistjoni kien sar zball relatat mal-origini tal-oggetti u semmai tali zball ma jaqax taht l-Artikolu 18 imma, semmai, jista jkun li jaqa' taht Artikli ohrajn tal-Ordinanza.

"2.14 Permezz tat-tieni argument taghha, is-socjeta` rikorrenti ressqet il-punt illi semmai, anke kieku ghall-grazzja tal-argument, l-ewwel argument (surriferit fil-paragrafu 2.13 ta' dan ir-rikors) huwa zbaljat, ma jistax ikun li sehh reat f'dan il-kaz in kwistjoni ghaliex l-Artikolu 18 japplika esklussivament jekk ikun hemm hsieb doluz min-naha tal-akkuzat (mens rea). Is-socjeta` rikorrenti sostniet illi ma kienx hemm dubju illi f'dan il-kaz in kwistjoni tali hsieb doluz kien nieqes. Is-socjeta` rikorrenti nnotat ukoll illi dan il-fatt kien accettat mid-DĠD waqt id-diskussjoniiet li kellha mad-DĠD.

"2.15 Is-socjeta` rikorrenti kompliet issostni dan l-argument billi ghamlet riferenza ghal sentenza ta' kaz ricenti fejn din il-Qorti kienet osservat, *inter alia* illi l-Artikolu 18 tal-Ordinanza jirrigwarda dikjarazzjonijiet qarrieqa u habi ta' oggetti importati.

"2.16 Inoltre, is-socjeta` rikorrenti ikkonkludiet billi talbet illi n-Nota ta' Qbid tigi rtirata u l-oggetti maqbuda jigu rilaxxati wara li jigi

mhallas l-ammont dovut bhala dazju fuq l-istess oggetti, u dan anke minhabba r-reputazzjoni eccellenti li kellha l-istess socjeta` mad-Dipartiment tad-Dwana. Ghal din ir-raguni, is-socjeta` rikkorenti umilment talbet li jsir meeting urgenti mad-DĠD sabiex din il-kwistjoni tigi risolta b'mod sodisfacenti kemm ghas-socjeta` rikorrenti kif ukoll ghad-DĠD.

"2.17 Fit-13 ta' Settembru 2013, saret laqghat ghand id-Dipartiment tad-Dwana fejn attendew Paul Bonello, Francis Tartaglia u Joe Borg Attard ghad-Dipartiment tad-Dwana, u Albert Attard, Saviour Brincat u Michael D'Amato ghas-socjeta` rikorrenti. Fl-istess laqgha Saviour Brincat, li huwa impjegat tas-socjeta` rikorrenti u li huwa nkarigat li jiehu hsieb id-dokumenti li ghandhom x'jaqsmu mad-Dwana spjega u ammetta li l-kwistjoni kollha kienet rizultat ta' zball genwin li kien ikkawzat minn cirkostanzi straordinarji. Sussegwentement, fil-25 ta' Settembru 2013 saret laqgha ohra ghand id-Dipartiment tad-Dwana, fejn attendew id-DĠD, Paul Bonello u Joe Borg Attard ghad-Dipartiment tad-Dwana, u Albert Attard u Michael D'Amato ghas-socjeta` rikorrenti. Id-DĠD ikkonferma illi l-oggetti jigu rilaxxati jekk is-socjeta` rikorrenti tiftah azzjoni fil-Qrati Civili u taghti garanzija fis-somma ta' €73,673.60.

"2.18 Is-socjeta` rikorrenti thossha aggravat bil-qbid tal-oggetti permezz tan-Nota ta' Qbid ghaliex il-qbid tal-istess oggetti sar taht l-artikolu 18 tal-Ordinanza, li kif sottomess fil-paragrafi 2.12 u 2.13 ta' dan ir-rikors, ma japplikax f'dan il-kaz in kwistjoni. Is-socjeta` rikorrenti thossha aggravata ukoll bid-decizjoni tad-DĠD li jirrilaxxa l-istess oggetti biss jekk tigi moghtija garanzija fis-somma ta' €73,673.60 meta fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti l-oggetti ma kellhomx jinqabdu u meta f'kull kaz, il-garanzija mitluba hi eccessiva u sproporzjonata meta imqabbla mal-ammont ta' dazju kontra dumping li kien dovut fuq l-istess oggett (€8,693).

"**3. TALBA**

"A bazi tas-suespost is-socjeta` rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

"(i) Tiddikjara li n-Nota ta' Qbid bir-riferenza 56/2013 giet mahruga mid-DĠD ingustament u llegalment kontra d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta;

"(ii) Thassar u tirrevoka d-decizjonijiet tad-DĠD sa fejn dawn jikkoncernaw in-Nota ta' Qbid bir-riferenza 56/2013;

"(iii) Tordna li d-DĠD sabiex fi zmien qasir stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti jehles u jirrilaxxja f'idejn is-socjeta` rikorrenti l-oggetti kollha proprjeta` tal-istess socjeta` rikorrenti u mizmuma fil-pussess tal-intimat DĠD skont in-Nota ta' Qbid bir-riferenza 56/2013;

"(iv) Jekk fil-frattemp jigu rilaxxati l-oggetti maqbuda mid-DĠD permezz tan-Nota ta' Qbid bir-riferenza 56/2013 mal-ghoti tal-

garanzija mis-socjeta rikorrenti favur id-DĠD fl-ammont ta' €73,673.60, tiddikjara li l-DĠD ma kellu ebda dritt li jitlob u jottjeni tali garanzija u/jew li s-somma ta' €73,673.60 mitluba mid-DĠD hija mizura ingusta u sproporzjonata; u

"(v) Tordna li d-DĠD sabiex fi zmien qasir stabbilit qasir stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti jirrilaxxa u jirritorna lis-socjeta` rikorrenti l-garanzija talvolta maghmula ta' €73,673.

"Bl-ispejjez u bl-interessi."

2. Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Dwana) tas-6 ta' Novembru, 2013, li permezz taghha gie eccepit:

"Illi t-talbiet kif dedotti fir-Rikors Promotur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma insostenibbli ai termini tal-provvedimenti tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta u anke ai termini tar-Regolament tal-Kummissjoni (EU) 513/2013 ghar-ragunijiet segwenti:

"(1) Illi l-fatti tal-kaz jikkoncernaw importazzjoni ta' 506 *solar panels* mill-kumpannija rikorrenti skont id-dikjarazzjoni li l-istess kumpannija ghamlet mad-Dwana permezz tad-dokument datat 23 ta' Lulju 2013 u li jgib in-numru ta' referenza TDID 2013601952248, flimkien ma diversi *supporting documents* ohra kif titlob tali dkjarazzjoni ta' importazzjoni. Illi jirrizulta car mill-istess dikjarazzjoni doganali li kienet necessarja sabiex tigi importata l-merkanzija in kwistjoni, li l-kumpannija rikorrenti iddikjarat li kienet se timporta pannelli fotovoltajici dikjarata taht *HS Code 8541409010* peress li l-merkanzija kienet allegatament torigina mill-Istati Uniti. Irrizulta li a kuntrarja ta' kif iddikjarat il-kumpannija rikorrenti, meta l-ufficcjal tad-Dwana spezzjona il-merkanzija li kellu quddiemu u qabbilha mal-informazzjoni fid-dokumenti tal-imsemmija dikjarazzjoni, skopra li fil-fatt il-pannelli ma kinux konformi mad-deskrizzjoni tal-*HS Code* kif idikkjarat mill-istess kumpannija rikorrenti. Inoltre, skopra ukoll li l-merkanzija kienet effettivament torigina mic-Cina u ghalhekk l-*HS Code* korrett kellu ikun *8541409021*. B'rizultat tad-dikjarazzjoni skorretta fir-rigward tal-pajjiz t'origini tal-istess merkanzija u l-*HS Code* applikabbli ghall-istess merkanzija li originat mic-Cina, il-kumpannija rikorrenti kienet se tevadi l-*anti-dumping duty* u l-VAT relattiv fuqu ikkalkulat fuq l-valur tal-imsemmi *anti dumping duty* skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (EU) 513/2013;

"(2) Illi fir-rigward tal-allegazzjoinjiet tal-kumpannija rikorrenti li l-esponent accetta l-allgata verzjoni tal-kumpannija rikorrenti rigward il-genwinita tac-cirkostanzi odjerni, l-esponent jirribatti li dan mhux minu, tant li inharget n-Nota ta' Qbid fir-rigward tal-

merkanzija in kwistjoni, li qed tigi kontestata permezz tal-azzjoni odjerna;

"(3) Illi ghalhekk, a kuntrarju ta' dak li qed jigi allegat fir-Rikors Promotur, ic-cirkostanzi tal-kaz odjern certament jaqghu fl-ambitu tal-Artikolu 18 tal-Kap 37 li jikkoncerna dikjarazzjonijiet skorretti, bhal fil-kaz in ezami. Fil-fatt l-imsemmi Artikolu jipprovdi li:

> "Kull min jimporta jew igieghel li jigi importat ghalih, **koll b'oggetti li ma jaqblux mad-dikjarazzjoni taghhom**, jew, direttament jew indirettament …….., **li fih** oggetti ohra, jew **oggetti suggetti ghal rata akbar jew ghal ammont iehor ta' dazju divers minn dak li ghandu jithallas fuq l-oggetti ta' isem li bih dak il-koll jew l-oggett ta' gewwa fih ikunu gew iddikjarati,** din il-persuna tehel, ghall kull reat bhal dan, multa ekwivalenti ghal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li ghandu jithallas fuq l-oggetti li jkunu jinsabu f'dak il-koll jew hames mija u tnejn u tmenin euro u erbgha u tletin centezmu (582.34), skont liema jkun l-akbar, hekk li terz minn dak l-ammont ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat u li jithallas lid-Dipartiment tad-Dana u dak il-koll u l-oggetti ta' gewwa fih ghandhom jigu kkonfiskati." (enfasi tal-esponent)

"(4) Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

"Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tal-kumpannija rikorrenti; bl-ispejjez kontra taghha."

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta' Gunju, 2016 li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi rrespingiet it-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti, laqghet l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat, bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"9.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

"9.1. Illi s-socjeta` rikorrenti importat kwantita` ta' pannelli fotovoltajici minghand kumpanija Ingliza Linuo Power UK, (ara foll 10);

"9.2. Illi meta eventwalment il-konsenja in dizamina wasslet Malta, din giet debitament spezzjonata mill-Ufficjali tad-Dwana;

"9.3. Illi skont id-dokumenti tal-istess konsenja rrizulta li din kienet iggib in-numru ta' referenza TDID 2013601952248, (ara foll 13, 15, 54, 79, 82, 113 u 85);

"9.4. Illi l-istess socjeta` rikorrenti ddikjarat li kienet ser timporta l-merkanzija in dizamina taht l-HS Code 8541309010 stante li l-merkanzija kienet torigina mill-Istati Uniti, (ara foll 113, 134 u 40);

"Ikkunsidrat:

"10. Illi effettivament, wara spezzjoni mill-ufficjali tad-Dwana lokali rrizulta li l-allegazzjoni li l-pannelli ordnati mis-socjeta` rikorrenti kienu gew mill-Amerika, u mhux mill-Inghilterra, ma kienitx minnha, u minflok rrizulta li l-origini vera tal-istess kienet effettivament ic-Cina, (ara foll 101 u 112);

"11. Illi l-provenjenza vera tal-istess pannelli tirrizulta mill-*HS Code* dikjarat mis-socjeta` rikorrenti – numru 8541409010 - mentri l-istess *HS Code* kellu jigi indikat bin-numru 85414109021, (ara foll 112);

"12. Illi permezz tan-numru tal-kodici enumerat u indikat mis-socjeta` rikorrenti, l-merkanzija in dizamina kellha rata ta' dazju dogonali ta' 0%, b'taxxa fuq il-valur mizjud ta' 18% ammontanti ghal €13,261.00;

"13. Illi ghalkemm it-taxxa fuq il-valur mizjud giet imhallsa debitament, id-dazju effettivament dovut mis-socjeta` rikorrenti gie hekk evitat;

"14. Illi ghalhekk irrizulta li l-pannelli de quo kienu manifatturati c-Cina u mhux l-Amerika;

"15. Illi fir-rigward, ghalkemm id-dazju dovut jibqa` 0%, pero` *stante* il-provenjenza li rrizultat, kien dovut li tithallas ukoll "*anti-dumping duty*" fir-rata ta' 11.8%, flimkien ma taxxa fuq il-valur mizjud ta' 18%, (ara foll 113);

"16.0. Illi ghalhekk jirrizulta li fl-istess dikjarazzjoni tas-socjeta` rikorrenti gie dikjarat hazin:

"16.1. Kemm l-*HS Code*, (ara paragrafi disgha punt tlieta, (9.3.), u disgha punt erbgha, (9.4.), aktar qabel);

"16.2. Kemm il-pajjiz ta' provenjenza;

"17. Illi skont ir-rizultanzi fuq indikati allura r-Regolamenti tal-Kummissjoni (EU) 513/2013 huma applikabbli stante li l-merkanzija kienet manifatturata c-Cina;

"18. Illi konsegwentement id-Direttur Generali intimat ma kellu l-ebda alternattiva hlief li johrog in-nota ta' qbid numru 56/2013 datata t-23 t'Awwissu, 2013, (ara foll 37);

"Ikkunsidrat:

"19. Illi s-socjeta` rikorrenti tikkontesta n-nota indikata fil-paragrafu precedenti u qed titlob ir-rilaxx tal-merkanzija in dizamina;

"20.0. Illi in sintesi, r-ragunijiet ghal tali kontestazzjoni huma s-segwenti:

> "20.1. Illi s-socjeta` Ingliza esportatrici fuq riferita ghamlitha cara li l-merkanzija *de quo* kienet *EU Customs Cleared*;
> "20.2. Illi l-istess merkanzija kienet indikata li kienet l-Istati Uniti u kienet ser tigi mwassla *Hamburg*;
> "20.3. Illi ghalhekk l-impjegati tas-socjeta` rikorrenti kienu gew zgwidati u minflok li raw li l-merkanzija kienet torigina mic-Cina, hasbu li kienet torigina mill-Istati Uniti tal-Amerika;

"21. Illi waqt li s-socjeta` rikorrenti ssosstni li ghamlet zball genwin, l-intimat isosstni li fil-fatt is-socjeta` rikorrenti ghamlet dikjarazzjoni falza u skorretta lid-Dwana bl-iskop li tevadi d-dazji dovuti;

"Ikkunsidrat:

"22. Illi f'dan ir-rigward il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza fl-ismijiet Michael Mangion et vs. Kontrollur tad-Dwana, datata t-12 ta' Marzu, 2013, ssostni s-segwenti:

> "...il-qrati taghna jikkunsidraw ic-cirkostanzi kollha tal-kaz sabiex jiddeciedu kienx hemm ksur tar-regolamenti, u m'ghandhomx japplikaw l-istess b'mod robotiku minghajr ma jqisu l-komportament ta' dak li jkun. Biex wiehed jiddeciedi jekk gewx vjolati jew le d-disposizzjonijiet tal-ligi, jrid jitqies l-agir tal-allegat vjolatur, tant li l-Qorti tal-Appell fil-kawza Camilleri vs. Kontrollur tad-Dwana, deciza fit-13 ta' Mejju, 1985, kienet osservat li l-konfiska ma toperax f'kaz ta' negligenza jew zball genwin, u li kien hemm bzonn l-element intenzjonali biex topera l-konfiska";

"23. Illi fil-kawza fl-ismijiet Priscilla Cassar et. vs. Il-Kontrollur tad-Dwana, datata d-29 ta' Jannar, 2010, Il-Qorti tal-Appell, irriteniet li hu:

> "...id-dmir tal-qorti f'dawn ic-cirkostanzi hu mhux li tiddikjara valida jew nulla n-nota ta' qbid mahruga mill-

intimat, izda li tezamina u tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiggustifika l-qbid u ghalhekk, jekk il-qbid tal-oggetti relattivi kienx legalment gustifikat"

"Ikkunsidrat:

"24. Illi stabbilit il-principju fuq riferit, imiss issa li tigi indirizzata l-ligi in dizamina li fuqha strah u agixxa l-intimat meta ghazel li jaqbad il-merkanzija importata mis-socjeta` rikorrenti;

"25. Illi in effetti, l-artiklu 18 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta li fuqu inharget in-nota ta' qbid ikkontestata *in atti* tirrigwarda, fost l-ohrajn, dikjarazzjoni qarrieqa;

"26. Illi kuntrarjament ghal dak sostenut mis-socjeta` rikorrenti l-istess artiklu japplika ghall-merkanzija meritu tal-procedura odjerna;

"Ikkunsidrat:

"27. Illi min analisi tad-dokumentazzjoni pprezentati mis-socjeta` rikorrenti u minn ezami tal-pannelli importati minnha, jirrizulta bl-aktar mod inekwivoku li s-socjeta` rikorrenti effettwat dikjarazzjoni qarrieqa meta paragunata mal-provenjenza vera tal-istess pannelli;

"28. Illi in effetti l-pannelli gew immanufatturati u originaw mic-Cina u mhux mill-Amerika kif iddikjarat mis-socjeta` rikorrenti;

"29. Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li d-dikjarazzjoni doganali sottomessa mis-socjeta` rikorrenti mal-ufficju appozitu tad-Dwana, ma taqbilx mal-kontenut tal-istess merkanzija importata;

"30. Illi *di piu`,* ma jirrizultax li l-fornitur tas-socjeta` rikorrenti kien ftiehem mall-istess socjeta` li l-pannelli de quo kellhom ikunu *EU customs cleared* fis-sens li "*anti-dumping duty*" kien diga` mhallas f'xi pajjiz tal-Unjoni Ewropea qabel mal-istess gew importati lokalment;

"31. Illi bil-maqlub, dak li effettivament jirrizulta mill-fattura datata t-23 ta' Mejju, 2013, li ggib in-numru ta' referenza 10089-001, (ara foll 62), hu li skont l-indikazzjoni intestata "*Details*", hemm indikat li l-merkanzija in dizamina meritu tal-procedura odjerna kienet intestata *Custom Entry into Free Circulation €0.00*;

"32. Illi l-istess intestatura tindika b'mod car u inekwivoku li fil-konfront tal-merkanzija in dizamina s-socjeta` rikorrenti ma kienet hallset l-ebda tip ta' dazju li jippermetti lill-istess oggetti jkunu jistghu jidhlu u jiccirkolaw fis-suq komuni tal-Unjoni Ewropea;

"33. Illi jigi wkoll sottolineat li l-fatt li merkanzija tigi biss spedita Malta minn pajjiz Membru tal-Unjoni Ewropea fih innifsu ma jfissirx li d-dazji dovuti jkunu awtomatikament gew kollha mhallsa fil-post hekk Membru fejn il-merkanzija tkun iddahlet l-ewwel darba fl-istess Unjoni;

"34. Illi l-allegazzjoni tas-socjeta` rikorrenti li la l-merkanzija *de quo* kienet l-Istati Uniti allura l-istess merkanzija originat f'dak il-pajjiz, ma treggix;

"35. Illi ghandu wkoll ikun pacifiku li hu l-oneru esklussiv tas-socjeta` rikorrenti li tikkonferma b'mod serju u diligenti d-dettalji kollha tad-dokumentazzjoni minnha migbura *stante* li altrimenti, r-rispons tad-Dwana ma jistax jirrifletti l-obbligi Ewropej imposti;

"Ikkunsidrat:

"36. Illi ghalhekk jirrizulta palezement ipprovat li d-dokumentazzjoni pprezentata mis-socjeta` rikorrenti tirrizulta li kienet tentattiv t'evazjoni tat-taxxa jew dazju *ai fini* tal-artiklu 18 tal-Kap 37 stante li d-dikjarazzjoni minnha pprezentata tirrizulta li ma kienitx tirrifletti l-verita` u ghalhekk, kienet dikjarazzjoni falza, u tmur ferm lil hemm minn semplici dikjarazzjoni zbaljata kif allegat mis-socjeta` rikorrenti;"

5. Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` rikorrenti Panta Marketing and Services Limited li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti u tilqa' it-talbiet taghha hekk kif jirrizulta mir-rikors guramentat. Bl-ispejjez.

6. Rat ir-risposta tal-appell tad-Direttur Generali (Dwana) li permezz taghha talab lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata tat-28 ta' Gunju, 2016 fl-ismijiet premessi fis-shih; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-kumpanija appellanti.

7. Rat li din il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet waqt is-seduta tas-16 ta’ Marzu, 2021.

8. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi permezz tal-kawza in ezami, is-socjeta` rikorrenti qeghda tattakka n-nota ta’ qbid li ggib referenza 56/2013 mahruga fl-20 ta’ Awwissu, 2013 fil-konfront taghha mid-Direttur Generali ntimat, fir-rigward tal-pannelli tax-xemx u dan ghall-finijiet tal-Artikolu 18 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta). Is-socjeta` rikorrenti tikkontendi li l-imsemmija nota ta’ qbid inharget konsegwenza ta’ zball genwin da parti tal-impjegati taghha u mhux ghaliex kien hemm xi intenzjoni li ssir dikjarazzjoni qarrieqa sabiex ma jithallasx id-dazju dovut. Kwindi titlob lill-Qorti sabiex (i) jigi dikjarat li n-nota ta’ qbid inharget ingustament u llegalment kontra d-disposizzjonijiet tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta; (ii) thassar u tirrevoka d-decizjonijiet tad-Direttur Generali intimat; (iii) li l-intimat jigi ordnat jirrilaxxa l-oggetti maqbuda skont in-nota ta’ qbid 56/2013 (liema talba giet irtirata); (iv) li d-Direttur Generali intimat ma kellu l-ebda jedd jitlob u jottjeni garanzija ghas-somma ta’ €73,673.60 li hija mizura ingusta u sproporzjonata; u (v) li tordna lid-Direttur Generali

intimat jirrilaxxa favur is-socjeta` rikorrenti l-garanzija maghmula ta' €73,673.

10. Da parti tieghu d-Direttur Generali tad-Dwana wiegeb li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ma kinux jimmeritaw li jintlaqghu peress li (I) hija ddikjarat li kienet ser timporta l-pannelli mill-Istati Uniti tal-Amerika taht il-kodici *HS Code 8541409010,* mentri rrizulta li l-merkanzija effettivament kienet torigina mic-Cina, fejn il-kodici kellu jkun *HS Code 8541409021.* B'hekk kienet ser tevadi *anti-dumping duty* u l-VAT relattiv dovut fuqu skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (EU) 513/2013; (II) jirribatti l-allegazzjoni tas-socjeta` rikorrenti li gie accettat minnu li dan kien zball genwin, tant li nharget nota ta' qbid li qeghda tigi kkontestata permezz tal-procedura oderna; (III) illi certament ic-cirkostanzi tal-kaz odjern jaqghu taht id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 18 tal-Kap. 37, li jipprovdi ghal dikjarazzjonijiet skorretti bhall-kaz in ezami; (IV) salv eccezzjonijiet ulterjuri.

11. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, permezz tas-sentenza taghha tat-28 ta'Gunju, 2016, iddecidiet il-kawza billi rrespingiet t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti, in kwantu rriteniet li d-dikjarazzjoni li saret minnha kienet wahda falza u mhux semplicement zbaljata, li saret b'tentattiv ta' evazjoni ta' taxxa jew dazju ghall-fini tal-Artikolu 18 tal-Kap. 37.

12. Is-socjeta` rikorrenti hassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u appellat minnha. L-appell taghha jissejjes fuq tliet aggravji principali: (1) in-nuqqas ta' motivazzjoni cara; (2) applikazzjoni hazina tal-ligi fir-rigward tal-Artikolu 18 tal-Kap. 37 u (3) applikazzjoni hazina tal-provi u interpretazzjoni zbaljata tal-fatti u tal-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti.

13. Illi fir-rigward tal-ewwel aggravju, jibda billi jigu osservati xi principji regolatorji bhal: li huwa dejjem mehtieg li l-Qrati jaghtu r-ragunijiet ghad-decizjoni taghhom (Artikolu 218 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u li kull dikjarazzjoni deciziva jew obbligatorja ghandha tkun fid-dispozittiv tas-sentenza (Artikolu 219 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

14. Trattati dawn id-dispozizzjonijiet tal-ligi, tajjeb li jinghad li filwaqt li huwa ideali li l-Qrati jindirizzaw it-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti f'kawza b'mod ragunat, sabiex kull parti fil-kawza tkun taf ir-raguni ghaliex talba jew eccezzjoni tkun giet milqugha jew michuda, ma jfissirx li kwalunkwe` nuqqas iwassal ghan-nullita` tas-sentenza. Tant hu hekk li huwa ritenut, li l-principju li jirrizulta mill-provvediment fl-Artikolu 218, mhux xi wiehed assolut, u ghalhekk in-nullita` ghandha tkun konsegwenza eccezzjonali. Inoltre, kif ritenut:

> "*in-nullita ta' sentenza m'ghandiex tigi attiza jekk is-sentenza tkun sostanzjalment gusta*". (**Vol XXX pI p953**).

15. Hekk ukoll jinsab ritenut li, il-gudikant m'huwiex tenut li joqghod iqis kull prova singolarment, izda jibbasta li jqis il-provi fil-kumpless taghhom u jindika l-elementi li fuqhom hu jkun ser jibbaza l-konkluzjonijiet tieghu. Il-fatt li l-gudikant ma jelaborax dwar certu aspetti tal-provi, ma jfissirx li l-gudikant ma jkunx ikkunsidrahom jew iddelibera dwarhom, jew li ma jkunx iddecieda b'kuxjenza shiha u konsapevolezza ta' dawk il-fatti jew aspetti lilu sottomessi. Wara kollox, kif inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha tas-16 ta' Marzu, 2005, fil-kawza fl-ismijiet **Robert Agius v. It-Torri Interiors Limited:**

> *"…il-volonta` tal-gudikant tittiehed anke mill-konsiderandi tas-sentenza, u li d-dispositiv ma ghandux jittiehed separatament mill-motivazzjoni, izda ghandu jigi minn din definit u spjegat (Kollez. Vol. XXX P I p 131; Vol. XXXVIII P I p 51);"*

16. Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta li, l-ewwel Qorti tesponi l-premessi, it-talbiet attrici, u l-eccezzjonijiet fi kliemha, kif ukoll telenka l-fatti rizultanti mill-provi b'mod sintetiku, id-dispozizzjoni tal-ligi li rriteniet applikabbli, f'dan il-kaz l-Artikolu 18 tal-Kap. 37, u tikkwota l-gurisprudenza relevanti ghall-kaz in ezami, qabel ma wasslet ghall-konkluzjonijiet taghha. Il-fatt li l-kunsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti u l-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti, ma jaqblux mal-posizzjoni tas-socjeta` rikorrenti appellanti, dan fih innifsu, ma jfissirx li l-ewwel Qorti ma qisetx is-sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti, jew li s-sentenza ma tissodisfax il-vot tal-ligi. Minn qari tas-sentenza jirrizulta x'aktarx car li meta l-ewwel Qorti qieset il-provi,

waslet ghall-konkluzjoni li dak li sar mis-socjeta` rikorrenti ma kienx semplicement zball, peress li m'accettatx il-provi mressqa minnha bhala veritieri, izda li sar tentattiv ta' evazjoni ta' hlas ta' dazju skont id-dispost tal-ligi. Kwindi, salv li jigu ezaminati mill-gdid il-provi fil-mertu fl-aggravju li jsegwi, certament ma jistax jinghad li s-sentenza appellata mhix wahda motivata b'mod car u ghalhekk l-ewwel aggravju ma jimmeritax li jintlaqa'.

17. Imiss li jigi trattat it-tieni aggravju, dak fejn is-socjeta` rikorrenti tikkontendi li saret applikazzjoni hazina tal-ligi fir-rigward tal-Artikolu 18 tal-Kap. 37, in kwantu filwaqt li hija tishaq li din id-dispozizzjoni tal-ligi ma tghoddx ghall-kaz in ezami, l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li kellha tghodd id-dispozizzjoni tal-ligi, minghajr ma tat l-ebda qies tas-sottomissjonijiet taghha u minghajr ma ghamlet l-ebda ragunament jew tat xi spjegazzjoni dwar kif waslet ghall-konkluzjoni li t-tezi taghha kienet wahda zbaljata. Filwaqt li ticcita l-Artikolu 18 in kwistjoni, hija tinsisti li ma kien hemm xejn zbaljat jew skorrett fl-isem tal-oggetti dikjarati, in kwantu m'hemmx kontestazzjoni li l-kaz jitratta pannelli fotovoltajci u hija ghamlet dikjarazzjoni korretta f'dan is-sens. Issostni li l-izball li sar kien dwar l-origini tal-oggett u mhux l-isem tal-oggett u li l-Artikolu 18 ma jipprovdix ghal zball dwar l-origini tal-oggett. Tirreferi ghad-dokument li wassal ghall-izball u tishaq li l-izball dwar l-origini ma jaqax fil-parametri tal-Artikolu 18 tal-Kap. 37.

18. Jinhass xieraq li f'dan l-istadju tigi ccitata d-dispozizzjoni in kontestazzjoni. L-Artikolu 18 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

> *"18. Kull min jimporta jew igieghel li jigi importat ghalih, koll b'oggetti li ma jaqblux mad-dikjarazzjoni taghhom, jew direttament jew indirettament, jimporta jew igieghel li jigi importat ghalih jew jiddikjara jew igieghel li jigi dikjarat koll bhala li fih oggetti ta' isem, li mbaghad jinsab, qabel jew wara l-kunsinna taghhom, li fih oggetti ohra, jew* ***oggetti suggetti ghal rata akbar jew ghall-ammont iehor ta' dazju divers minn dak li ghandu jithallas fuq l-oggetti ta' isem li bih dak il-koll jew l-oggetti ta' gewwa fih ikunu gew iddikjarati,*** *din il-persuna tehel ghal kull reat bhal dan, multa ekwivalenti ghal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li ghandu jithallas fuq l-oggetti li jkunu jinsabu f'dak il-koll jew hames mija u tnejn u tmenin euro u erbgha u tletin centezmu (€582.34), skont liema jkun l-akbar, hekk li terz minn dak l-ammont ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat u li jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana, u dak il-koll u l-oggetti ta' gewwa fih ghandhom jigu kkonfiskati…"* (enfasi ta' din il-Qorti)

19. Minn qari tad-dispozizzjoni tal-ligi appena citata, jirrizulta x'aktarx car li dan ma japplikax biss f'kaz li ssir dikjarazzjoni hazina dwar il-generu tal-oggetti impurtati. Izda lil hinn mill-argument jekk l-agir tas-socjeta` rikorrenti li ddikjarat li l-origini tal-pannelli kienet l-Amerika kienx rizultat ta' zball jew ta' agir konsapevoli, effettivament bid-dikjarazzjoni li saret da parti tas-socjeta` rikorrenti, wassal li hija kienet ser tevita li thallas dazju partikolari u t-taxxa relattiva li kien applikabbli fil-kaz ta' pannelli li joriginaw mic-Cina, kif effettivament irrizulta f'dan il-kaz. Bid-dikjarazzjoni li saret da parti tas-socjeta` rikorrenti meta hija dahhlet ir-referenza ghall-kodici tat-Taric li kien 8541409010, mentri kellu jiddahhal il-kodici 8541409021, li jirreferi ghall-fatt li l-pannelli kienu joriginaw mic-Cina, din id-differenza fil-kodici effettivament kienet tfisser li, fil-kaz ta' oggetti li

joriginaw mic-Cina kellu jithallas *anti-dumping duty* applikabbli fil-kaz ta' dawn il-pannelli, kuntrarjament ghall-kaz fejn l-oggetti jkunu joriginaw mill-Amerika. Isegwi li minn ezami tal-fatti semplici rizultanti mill-kaz in ezami, il-konsegwenza tal-fatt li ddahhal kodici minflok iehor wassal sabiex ghall-ewwel, is-socjeta` rikorrenti giet ezentata milli thallas dazju relatat ma' *anti-dumping,* meta dan kien effettivament dovut (dan lil hinn mill-fatt li eventwalment hallset id-dazju u t-taxxa relattivi). Jigifieri l-pannelli impurtati mis-socjeta` rikorrenti kienu suggetti ***"ghall-ammont iehor ta' dazju divers minn dak li ghandu jithallas fuq l-oggetti ta' isem li bih dak il-koll jew l-oggetti ta' gewwa fih ikunu gew iddikjarati…"*** Kwindi din il-Qorti m'ghandhiex dubju dwar l-applikabbilita` tal-Artikolu 18 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-kaz in ezami u ghalhekk it-tieni aggravju ser jigi michud ukoll.

20. Jonqos li jigi trattat l-ahhar aggravju tas-socjeta` rikorrenti appellanti, dak fejn issostni li saret applikazzjoni hazina tal-provi u interpretazzjoni zbaljata tal-fatti u l-provi migbura quddiem l-ewwel Qorti. Filwaqt li s-socjeta` rikorrenti tikkoncedi li ghamlet zball meta fil-procedura tad-dwana hija ddikjarat li l-pannelli kienu joriginaw mill-Istati Uniti minflok li mic-Cina, hija tinsisti li jirrizulta b'mod car li ma kellha l-ebda intenzjoni li tqarraq bid-Dwana jew li tevadi t-taxxa, izda din id-dikjarazzjoni kienet rizultat ta' zball genwin. Hija tikkontendi li l-Artikolu 18 tal-imsemmi Kap. 37 japplika fejn ikun hemm hsieb doluz da parti tal-akkuzat li jikkometti

reat, fejn persuna b'intenzjoni taghmel dikjarazzjoni hazina jew falza sabiex tevita li thallas id-dazju li kellu jithallas. Hija tikkontendi li l-ewwel Qorti m'ghamlitx konsiderazzjoni xierqa tal-provi migjuba quddiemha. Telenka lista ta' ragunijiet u dokumenti in sostenn tas-sottomissjoni taghha fis-sens li l-ftehim mas-socjeta` fornitrici kienet li hija stess (Linuo Power UK Ltd minn hawn 'il quddiem imsejha Linuo) tkun responsabbli ghall-hlas ta' taxxa relatata mal-*anti-dumping,* tant li accettat ir-responsabbilita` ta' dak li gara, kif ukoll li tirrifondi lura lis-socjeta` rikorrenti appellanti l-hlas ta' taxxa u dazju li hija kellha thallas fuq il-konsenja. Dan kollu jixhed li hija ma kellha l-ebda intenzjoni qarrieqa kif kontemplat fl-Artikolu 18 tal-Kap. 37. Hija tirreferi ghall-gurisprudenza in sostenn tad-difiza taghha u tghid li ghalkemm l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-istess sentenza, hija ghazlet li ma tikkunsidrax il-principji hemm enuncjati, fid-dawl tal-provi mressqa in atti f'dan il-kaz. Tishaq li ghalkemm il-ligi taghti lill-intimat appellat is-setgha li johrog Nota ta' Qbid, din is-setgha m'ghandhiex tigi ezercitata ndiskriminatament minghajr ma jqis il-fattispecji ta' kull kaz, izda ghandu jsir uzu tajjeb tad-diskrezzjoni skont il-principju ta' proporzjonalita`. Tilmenta li minkejja li hija tat spjegazzjoni kredibbli dwar il-kwistjoni li kienet wahda genwina, u hallset id-dazju u l-ispejjez dovuti, id-Dwana ngustament ipprocediet bin-nota ta' qbid minghajr raguni valida, meta din in-nota ta' qbid ma messha qatt inharget.

21. Fit-trattazzjoni tieghu, id-difensur tal-intimat appellat argumenta li filwaqt li l-Artikolu 61(1) tal-Kap. 37 jipprovdi ghas-sitwazzjoni fejn diskrepanza fil-kwantità tal-oggetti rizultanti mill-fattura tal-esportatur jaghtu lok ghall-konfiska, is-sub-inciz (2) jikkontempla kaz ta' zball genwin, mhux l-istess jista' jinghad fil-kaz tal-Artikolu 18 tal-Kap. 37, kwindi d-Direttur appellat ma kellu l-ebda diskrezzjoni ghajr li johrog in-nota ta' qbid.

22. Ghandu jinghad mal-ewwel, li l-ligi tad-Dwana, fl-Artikolu 73 (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta), tikkontempla procedura specjali sabiex persuna tipproponi kawza bil-hsieb li l-oggetti maqbuda jinhelsu. Hekk ghamlet is-socjeta` rikorrenti meta ressqet il-kawza odjerna. Ghalkemm persuna tista' tikkontesta nota ta' qbid, il-Qorti xorta jkollha tapplika l-ligi sostantiva ghall-fatti tal-kaz li jkollha quddiemha. Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tad-29 ta' Jannar, 2010, fil-kawza fl-ismijiet **Priscilla Cassar et v. Kontrollur tad-Dwana:**

> "*Dak li trid tara l-Qorti f'dawn il-proceduri huwa li tezamina c-cirkostanzi tal-kaz fid-dawl tal-ligijiet doganali applikabbli u tara jekk ir-rikorrent huwiex intitolat li jiehu "lura l-hwejjeg hekk konfiskati". ... Id-dmir tal-Qorti f'dawn ic-cirkostanzi hu mhux li tiddikjara valida jew nulla n-Nota ta' Qbid mahruga mill-intimat … izda li tezamina u tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiggustifika l-qbid u ghalhekk jekk il-qbid tal-oggetti relattivi kienx legalment gustifikat*."

23. Madankollu kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tat-12 ta' Marzu, 2013, fil-kawza fl-ismijiet **Michael Mangion et v.**

**il-Kontrollur tad-Dwana,** (liema sentenza kienet ikkonfermata permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti tat-18 ta' Lulju, 2017) u li trattat l-Artikoli 18, 60 u 61 tal-imsemmi Kap.37:

> "*Qabel ma' dina l-Qorti tibda biex tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiggustifika l-qbid, il-Qorti tirrileva li dwar intenzjoni, il-Qrati taghna jikkunsidraw ic-cirkostanzi kollha tal-kaz sabiex jiddeciedu kienx hemm ksur tar-regolamenti, u m'ghandhomx japplikaw l-istess b'mod robotiku minghajr ma jqisu l-komportament ta' dak li jkun. Biex wiehed jiddeciedi jekk gewx vjolati jew le d-disposizzjonijiet tal-ligi, irid jitqies l-agir tal-allegat vjolatur, tant li l-Qorti tal-Appell fil-kawza Camilleri vs Kontrollur tad-Dwana, deciza fit-13 ta' Mejju 1985, kienet osservat li l-konfiska ma toperax f'kaz ta' negligenza jew zball genwin, u li hemm bzonn l-element intenzjonali biex topera l-konfiska. Fil-fatt, l-artikolu 61 tal-imsemmija Ordinanza, li titkellem fuq konfiska f'kaz li tkun tirrizulta diskrepanzi fil-kwantita' tal-oggetti mportati, jew fil-valur tal-istess, fis-sub- artikolu (2) jipprovdi li m'ghandux ikun hemm din il-konfiska jekk ikun jirrizulta li "d-diskrepanza tkun giet minhabba fi zball genwin." Biex jigi konstatat jekk kienx hemm "zball genwin", trid issir analizi tal-komportament kollu tal-importatur, biex il-Qorti tkun tista' tara jekk, fil-fatt, l-allegat ksur tad-dispozizzjonijiet tal-ligi kienx wiehed intenzjonali jew le".*

24. Applikati dawn l-insenjamenti ghall-kaz in ezami, tabilhaqq jirrizulta li ghandha ragun is-socjeta` rikorrenti appellanti meta jinghad minnha li mill-provi in atti ma jirrizultax l-element intenzjonali li jitwettaq ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 18 tal-Kap. 37. Dan jinghad peress li meta din il-Qorti gharblet mill-gdid il-provi rrizultalha li ghalkemm mix-xhieda ta' George Bugeja u Michael D'Amato, li jahdmu fil-qasam tal-inginerija fi hdan is-socjeta` rikorrenti, kienu konsapevoli tal-fatt li pannelli li joriginaw mic-Cina kienu ser jibdew jigu milquta b'*anti-dumping duty,* kellhom struzzjonijiet sabiex meta jakkwistaw pannelli, jippruvaw jimminimizzaw l-

impatt ta' dan id-dazju billi jakkwistaw panelli li huma *EU customs cleared.* Dan l-intendiment jidher rifless b'mod car mill-korrispondenza li kien hemm bejn is-socjeta` rikorrenti u s-socjeta` estera (Linuo) li kienet ser tforni l-imsemmija pannelli. (Ara Dok. GB3 u GB 4 a fol. 63 u 66 tal-process). Fil-fatt mill-Proforma Invoice esebita a fol. 62 jirrizulta li tabilhaqq l-pannelli kienu jinsabu l-Istati Uniti u kellhom l-ewwel jigu kkonsenjati fil-port ta' Hamburg, kwindi s-socjeta` rikorrenti tassew kellha l-fehma li l-pannelli jkunu *EU customs cleared*, jigifieri li kellha tithallas l-*anti-dumping duty* fil-port ta' Hamburg, qabel dawn il-pannelli jidhlu Malta. (Ara f'dan is-sens ukoll il-kontro-ezami ta' George Bugeja).

25. Ghalkemm l-impjegati fil-qasam tal Inginerija kienu konsapevoli li l-pajjiz tal-origini tal-pannelli kienet ic-Cina, din l-informazzjoni ma jirrizultax li kienet ghaddiet lil Salvu Brincat, *Imports Manager,* l-ufficjal responsabbli mill-affarijiet doganali fi hdan is-socjeta` rikorrenti. Brincat jixhed li mid-dokumenti mghoddija lilu, jigifieri mill-fattura kummercjali rrizultalu li, l-materjal kellu jitlaq mill-Istati Uniti (ara Dok. SB2 a fol. 90 fejn inghad "*Stock is in the USA and will be delivered to Hamburg within 2 weeks of payment*), u ghalhekk fil-process ta' *online customs clearance procedure* huwa indika l-"*exporter company"* bhala "US" (ara Dok. SB3 a fol. 91). Kien biss wara li l-ufficjal tad-dwana nkarigat mill-procedura ta' *stripping,* li nfurmah li l-pannelli kienu originaw mic-Cina li sar jaf b'dan u wara li kellem lill-ufficjali mill-qasam tal-inginerija, irrealizza bl-izball li kien sar.

26. Huwa ritenut li l-element intenzjonali huwa essenzjali sabiex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 18, liema element, huwa ritenut nieqes f'dan il-kaz. L-aqwa prova dwar il-*buona fede* tal-partijiet hija l-korrispondenza li minnha jirrizulta li meta s-socjeta` rikorrenti gharrfet lil Linuo b'dak li kien gara, ir-rapprezentant ta' Linuo, fis-26 ta' Lulju, 2013, wiegeb: "*This is to confirm that the goods were sold to you at a CIF price and that they are not subject to anti dumping tax as they are classed as European customs cleared*." (ara dokument esebit a fol. 32 tal-process). Din il-prova hija dijametrikament l-oppost ta' dak li nghad mill-ewwel Qorti f'paragrafi 30 sa 32 tas-sentenza appellata. Hekk ukoll, fis-6 ta' Awwissu, 2013, jigifieri sahansitra qabel ma nharget in-nota ta' qbid, ir-rapprezentant ta' Linuo kiteb hekk: *"In order to avoid litigation down the chain, we have persuaded our supplier to pay the duty in order to get your goods released…"* (ara Dok. MV1 a fol. 82, 83 tal-process). Dan kollu gie komunikat lir-rapprezentanti tad-Direttur intimat f'laqgha li saret f'tentattiv li tigi rizolta l-kwistjoni bonarjament, fejn is-socjeta` rikorrenti kkonfermat li kienet lesta li thallas l-*anti-dumping duty* dovuta. Effettivament, din is-somma ta' €10,259, li tkopri kemm dazju, kif ukoll taxxa fuq il-valur mizjud, thallset kif jirrizulta mix-xhieda ta' Francis Tartaglia, Assistent Direttur fi hdan id-Dipartiment tad-Dwana – fol. 105, filwaqt li Albert Attard, Direttur Manigerjali fi hdan is-socjeta` rikorrenti xehed li dan l-ammont gie rifuz lilhom da parti ta' Linuo (ara fol. 141C). Izda d-Direttur Generali intimat

ipproceda bin-nota ta' qbid, ikkontestata permezz tal-proceduri odjerni. Relevanti wkoll huwa dak li jinghad minn diversi mpjegati fi hdan is-socjeta` rikorrenti, li hija kellha reputazzjoni tajba ta' hamsin sena mad-Dwana, punt li ma gie bl-ebda mod kontradett mill-ufficjali tal-intimat appellat.

27. Maghmula r-rassenja tal-provi meqjusa relevanti, din il-Qorti tirribadixxi li l-kaz in ezami jinkwadra ruhu taht l-Artikolu 18 tal-Kap. 37 u ma taqbilx mas-socjeta` rikorrenti appellanti meta jinghad minnha li kien hemm xi nuqqas fl-agir tad-Direttur appellat, peress li tabilhaqq kif inghad mid-difensur tal-appellat, f'dan il-kaz id-Direttur Generali ma kellu l-ebda diskrezzjoni fil-hrug tan-nota ta' qbid, gialadarba l-ligi ma tikkontemplax il-possibilita` ta' zball f'dan il-kaz. Ghalhekk il-hrug tan-nota ta' qbid in konstestazzjoni, da parti tal-intimat appellat, kienet gustifikata. Madankollu, meta din il-Qorti tapplika l-insenjamenti msemmija fis-sentenza **Mangion et v. il-Kontrollur tad-Dwana,** citata qabel, li l-ligijiet m'ghandhomx jigu applikati b'mod robotiku u jekk mic-cirkostanzi tal-kaz jirrizulta li l-agir tal-allegat vjolatur huwa aktar konsoni ma' kaz ta' negligenza jew ta' zball genwin, specjalment fejn ikun nieqes l-element intenzjonali, l-konfiska m'ghandhiex tibqa' fis-sehh. Gialdarba huwa ritenut minn din il-Qorti li dan il-kaz huwa wiehed ta' zball genwin, jew fl-aghar ipotesi, in-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn id-diversi oqsma fi hdan is-socjeta` rikorrenti li wassal ghal dikjarazzjoni zbaljata dwar l-origini tal-

pannelli huwa kaz ta' negligenza, izda l-agir tad-diversi persuni in rapprezentanza tas-socjeta` rikorrenti appellanti, wara li rrizulta l-istess zball, inkluz il-hlas effettiv tad-dazju u taxxa dovuta lill-erarju pubbliku, u fin-nuqqas ta' prova ta' *mala fede* jew intenzjoni da parti tar-rapprezentanti tas-socjeta` rikorrenti appellanti li jqarrqu, ma tqisx li l-konfiska tal-garanzija moghtija minflok il-pannelli ghandha tibqa' fis-sehh. Isegwi li t-tielet aggravju tas-socjeta` rikorrenti appellanti jimmerita li jintlaqa' ladarba mill-provi in atti jezistu ragunijiet validi ghala s-sentenza appellata ghandha tigi varjata.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-appell interpost mis-socjeta` rikorrenti appellanti fir-rigward is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta' Gunju, 2016, fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi tilqghu *in parte* u filwaqt li tikkonfermaha sa fejn cahdet l-ewwel, it-tieni u r-raba' talbiet tas-socjeta` rikorrenti, izda thassarha fil-bqija u ghalhekk tilqa' il-hames talba tas-socjeta` rikorrenti, u tordna lill-appellat Direttur Generali (Dwana) sabiex fi zmien gimgha mid-data ta' din is-sentenza, jirrilaxxa l-garanzija ta' tlieta u sebghin elf sitt mija u tlieta u sebghin ewro (€73,673) li giet mizmuma minnu skont in-Nota ta' Qbid li ggib referenza 56/2013.

Kunsidrat in-natura tal-kaz, tordna li l-ispejjez kollha tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr